# QORTI TA' L-APPELL

## (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST. S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 25 ta' Jannar, 2002**

**Numru 5**

**Avviz Nru. 94/00 SM**

**Middle Sea Insurance Company Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Antoinette Camilleri u l-istess Antoinette Camilleri**

**vs**

**Anthony Schembri bhala kuratur ad litem ta' ibnu minuri Johann**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

**<u>L-AVVIZ PROMOTORJU</u>**

1. B'avviz quddiem il-Qorti tal-Magistrat (Malta) l-atturi appellati sejjhu lill-konvenut appellanti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun: (1)

iddikjarat unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici et bhala konsegwenza ta' l-incident tat-traffiku li sehh fl-10 ta' Settembru, 1998 gewwa Saint Edward Street, Qormi; (2) illikwidati d-danni sofferti mis-socjeta' attrici et fl-ammont ta' mitejn tnejn u tmenin lira u tnejn u disghin centezmu (LM282.92) kif ukoll is-somma ta' Lm25 bhala "access" mhallas mill-attrici Antoinette Camilleri, jew somma ohra verjuri okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi; (3) ikkundannat ihallas lis-socjeta' attrici et dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien ma' l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali datata 9 ta' Novembru, 1999; bl-ispejjez u bl-imghax legali komprizi dawk ta' ittra ufficjali datata 9 ta' Novembru, 1999".

**L-Eccezzjonijiet tal-konvenut nomine**

2. Illi l-esponenti eccepixxa (1) Preliminarjament illi l-avviz ta' l-atturi huwa monk u konsegwentement null stante illi mart il-konvenut u omm il-minuri Johann, u cioe' Rita Schembri, mhix inkluza bhala parti f'dawn il-proceduri; (2) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-eccipjenti m'huwiex responsabbli ghall-incident tat-traffiku de quo li izda sehh minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attrici Antoinette Camilleri; Illi, subordinatament u minghajr

pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mill-atturi huwa eccessiv u ghalhekk huwa wkoll kontestat; (4) Salv eccezzjonijiet ohra.

**Is-sentenza appellata**

3. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta), permezz ta' sentenza taghha tat-28 ta' Settembru, 2001, iddecidiet billi (1) iddikjarat lil Johann Schembri unikament responsabbli ghall-incident de quo; (2) illikwidat id-danni fl-ammont ta' mitejn tnejn u tmenin lira u tnejn u disghin centezmu (Lm282.92), oltre l-ammont ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) bhala "access"; (3) ikkundannat lil Anthony Schembri bhala kuratur ad litem ta' ibnu minuri Johann biex ihallas l-ammont hekk likwidat, bl-ispejjez u imghaxijiet u imghaxijiet skond il-ligi.

**L-Appell ta' l-intimat**

4. L-intimat konvenut interpona appell mis-sentenza fuq l-aggravji segwenti:-

(i) Illi l-ewwel aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt illi l-ewwel Qorti ma apprezzatx korrettement il-mod kif sehh l-incident de quo u attribwiet hazin ir-responsabbilita' ta' l-incident.

Fid-decizjoni taghha hija qalet "Illi l-agir ta' Johann Schembri ma jimmilitax favur it-tezi tieghu stante li ma' l-incident hu harab minn fuq il-post u ma kienx facli li jigi rintraccjat". Ghalhekk l-ewwel Qorti qalet li hija sodisfatta bil-verzjoni ta' l-atturi u konsegwentement laqghet it-talbiet taghhom. Bir-rispett ukoll jrid jinghad illi mhux korrett li Johann Schembri harab minn fuq il-post. Irrizulta ampjament illi huwa kien ferut u f'sitwazzjoni bhal dik li sab ruhu fiha huwa kien tassew gustifikat li jitlaq minn fuq il-post ta' l-incident sabiex jimmedika ruhu. Il-fatt li kien ferut huwa korroborat minn diversi xhieda, fosthom dik ta' George Camilleri li anzi jghid li kien hu u hu Johann Schembri li haduh il-Polyclinic. Tikkonferma sahansitra l-attrici nnifisha li xehdet li wara l-incident sabet lil Johann Schembri l-Polyclinic.

Jidher li l-ewwel Onorabbli Qorti kienet influwenzata mhux ftit bl-impressjoni (zbaljata, fl-opinjoni umli ta' l-esponenti) li Johann Schembri harab minn fuq il-post. Il-fatt li huwa telaq minn fuq il-post ghal ragunijiet validissimi ma ghandu bl-ebda mod jippregudika l-argument tieghu li l-incident sehh tort ta' l-attrici.

Li l-incident sehh tort ta' l-attrici Antoinette Camilleri huwa verosimili u probabbli meta wiehed jikkunsidra diversi cirkostanzi li rrizultaw waqt is-smiegh tax-xhieda. Il-panel beater xehed li l-bieba ma kellhiex girfa izda daqqa – kienet 'ikkrepata'. Xehed ukoll li kien hemm ticrit fl-

upholstery. Dan huwa kollu kompatibbli ma' impatt li jsehh fuq bieba li nfethet f'daqqa u mhux kompatibbli mat-tezi ta' l-attrici li l-bieba kienet miftuha biss xi erba' pulzieri. Fl-istess hin, li kieku l-bieba kienet miftuha aktar min erba' pulzieri, biex b'hekk ikun hemm ticrit fl-upholstery, Johann Schembri zgur Johann Schembri zgur li kien jinduna li kien hemm bieba ta' karozza miftuha.

Hija t-tezi umli ta' l-esponenti li l-attrici, forsi b'nuqqas ta' esperjenza, laqtet il-mera tal-karozza taghha u ppruvat tirregolaha fil-pozizzjoni li kienet qabel. Biex taghmel dan, flok nizzlet il-hgiega u rregolata minn gewwa, dahlet u harget mill-vettura taghha. Waqt din l-operazzjoni, hekk kif kienet distratta, fethet il-bieba proprju fil-mument li kienet ghaddejja x-xarretta. Dan kien probbabilment kawza tal-frustrazzjoni ta' l-attrici nnifisha u wkoll in vista tad-dawl limitat fil-hin ta' l-incident. Fi kliem l-attrici stess, "kien wasal biex jidlam". Minhabba f'hekk l-attrici ma ndunatx li kienet ghaddejja x-xarretta misjuqa minn Johann Schembri u fethet il-bieba.

Huwa aktar verosimili li l-bieba nfethet hekk kif kienet ghaddejja x-xarretta milli li Johann Schembri saq ix-xarretta fuq bieba diga' miftuha. Ghaldaqstant l-ewwel Qorti kellha ssib illi l-imsemmi Johann Schembri mhux responsabbli ghall-incident de quo.

(ii) Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tieni aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt illi, skond il-provi migjuba quddiemha, l-ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' t-talba ghad-danni u tillikwida fl-ammont minnha likwidat, u cioe' fis-somma ta' Lm282.92, flimkien ma' ammont addizzjonali ta' Lm25.

Mix-xhieda ta' Andrew Pizzuto, Claims Manager mas-socjeta' Melita Insurance Agency bhala agenta tas-socjeta' attrici, rrizulta li spejjez tat-tiswija ammontaw ghal Lm269. Ma' dawn iridu jizdiedu Lm3 tar-rapport tal-Pulizija u Lm10 bhala spejjez tas-surveyor ghal total ta' Lm282. Minn dan l-ammont pero' jammetti li rkupra Lm25 minghand l-assikurata tieghu, l-attrici l-ohra. L-istess attrici qeghda hi stess tippretendi rifuzjoni tal-Lm25 li hi hallset lis-socjeta' assikuratrici (is-socjeta' attrici). Huwa ovvju li l-ammont ta' Lm25 qieghed jintalab darbtejn u ghalhekk, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju kif suespost, l-ammont li l-esponenti gie kkundannat ihallas irid, fi kwalunkwe kaz ikun ridott, u dan ikun anke rifless fil-kap ta' l-ispejjez.

Ghaldaqstant l-appellant talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet Middle Sea Insurance Company Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Antoinette Camilleri u l-istess Antoinette Camilleri vs Anthony Schembri bhala kuratur ad litem ta' ibnu minuri Johann Paul tat-28 ta'

Settembru, 2001, tichad it-talbiet attrici u tilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-appellant, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

**Ir-risposta ta' l-atturi appellati**

5. L-appellati wiegbu hekk:

Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma fl-intier taghha:

Illi m'huwiex minnu li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti.

Fl-ewwel lok jinghad illi ghalkemm huwa minnu li Johann Schembri garrab xi feriti, dawn zgur ma kienux ta' xi gravita' tali li jirrikjedu li huwa jibqa' ghaddej, u lanqas biss jieqaf ! (sottolinear ta' l-esponenti). Dawn il-Qrati certament raw diversi kazijiet koncernanti feriti ferm u ferm aktar serji, li fihom min wegga' waqaf u ma baqax ghaddej bhalma ghamel Johann Schembri. Pero' fil-kaz in ezami huwafatt mhux kontestat li l-feriti ma kienux gravi, u ghalhekk is-sitwazzjoni ma kienetx tali li tirrikjedi li Schembri induna bl-impatt ghaliex garrab griehi, kif qal hu stess u rega' kkonferma fl-appell. Ghalhekk lanqas ma jista' jinghad li huwa baqa' ghaddej stante li ma ndunax bl-impatt. Ghaldaqstant fic-

cirkostanzi l-unika raguni ghaliex Johann Schembri baqa' ghaddej hija kif osservat l-ewwel Qorti, cioe' biex jahrab minn fuq il-post.

Illi l-atteggjament ta' Johann Schembri huwa fih innifsu sintomatiku ma' htija. Huwa fatt ormai rikonoxxut li min m'ghandux x'jahbi m'ghandux ghalfejn jahrab – a contrario senso, min jahrab jixtieq jahbi xi haga. Ovvjament din hija semplici prezunzjoni. Madanakollu l-ewwel Qorti dahlet fil-mertu u ezaminat id-dinamika ta' l-incident de quo, u ma ddecidietx il-kaz fuq din il-prezunzjoni biss. Fil-fatt hija ma qalitx biss li ddecidiet favur l-appellati ghaliex Johann Schembri harab minn fuq il-post. Mis-sentenza appellata jirrizulta car illi l-ewwel Qorti semghet il-verzjoni taz-zewg partijiet, u wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet validi taghha, hasset li l-verzjoni ta' l-appellati hija aktar verosimili.

Illi lanqas ma huwa minnu li l-incident de quo gara tort ta' l-agir ta' Antoinette Camilleri. Mill-provi rrizulta car illi hija kienet qeghda tirranga l-mera, meta f'daqqa wahda ghadda Johann Schembri u laqtilha l-bieba. Irrizulta wkoll illi l-vettura ta' Antoinette Camilleri kienet fil-genb, u li l-bieba kienet kemm kemm imbexxqa. Ghalhekk biex Schembri rnexxielu jolqot din il-bieba, bilfors kien ghaddej qrib hafna tal-vettura ta' Antoinette Camilleri. Ma hemmx dubju li kieku Schembri kien ghaddej kif suppost, u mhux inkaxxat mal-genb, l-incident ma kienx isehh.

Illi l-appellant qieghed jittanta jitfa' dell fuq il-kompetenza o meno ta' Antoinette Camilleri, meta jghid li laqtet il-mera "forsi b'nuqqas ta' esperjenza". L-appellant jaf ben tajjeb illi anke l-ahjar sewwieqa jistghu jolqtu l-mera taghhom. Madanakollu huwa qal li laqtet il-mera minhabba nuqqas ta' esperjenza. L-appellati ma jistghux ihallu ghaddejjin kummenti zejda bhal dawn, intizi biss bhala tentattiv fqir biex jinfluwenzaw dina l-Qorti, u biex jizvijawha mir-ragunijiet veri li wasslu ghal dan l-incident, cioe' li l-incident de quo sehh unikament minhabba s-sewqan traskurat u negligenti ta' Johann Schembri, li naqas li jikkontrolla x-xarretta f'dak il-mument.

Illi dwar l-aggravju ta' l-ispejjez rizultanti mill-incident de quo, l-appellant huwa skorrett meta jghid li l-ammont ta' Lm25.00 qieghed jintalab darbtejn. Is-somma ta' Lm25.00 huma dovuti lil Antoinette Camilleri bhala excess li hallset meta ghamlet il-claim taghha, mentri r-rimanenti Lm282.00 huma kollha dovuti lis-socjeta' appellata, kif wara kollox irrizulta b'mod ampju u car mill-provi. Ghalhekk anke fir-rigward ta' l-ispejjez, l-aggravju lmentat mill-appellant m'huwiex gustifikat.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi, m'hemmx lok li s-sentenza appellata tigi revokata, jew b'xi mod modifikata minn dina l-Qorti, u kwindi l-appellanti jitolbu umilment lil din l-istess Qorti sabiex tichad l-

appell ta' l-appellanti u minflok tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

**Is-sentenza ta' din il-Qorti**

6. Minn ezami ta' l-aggravji ta' l-intimat appellant jirrizulta li kwantu jikkoncerna l-mertu, l-lanjanza hija dik li sar apprezzament skorrett u zbaljat da parti ta' l-ewwel Qorti, mentri kwantu jikkoncerna l-quantum tad-danni, l-ilment hu li kien hemm partita ripetuta ghal darbtejn, jigifieri s-somma ta' Lm25 dwar il-hlas ossija rifuzjoni ta' l-"excess".

7. Illi dwar l-ewwel parti ta' l-aggravju, hija prassi stabbilita ta' din il-Qorti li ma tiddisturbax leggerment dak l-apprezzament dwar provi ta' fatt li jkunu saru minn dik il-Qorti li quddiemha jkunu gew mismugha l-provi. Madanakollu, u wara li qieset mill-gdid il-provi prodotti, din il-Qorti xorta wahda hija konkordi ma' l-ewwel Qorti li fuq kaz ta' probabilita' certament ghandha tipprevali l-verzjoni moghtija mill-appellata Antoinette Camilleri.

8. Huwa minnu li bil-fatt wahdu li xufier involut f'incident jallontana ruhu mill-post ta' l-incident ma jfissirx necessarjament u bilfors li allura l-htija ta' dak li gara jkun tort tieghu. Min-naha l-ohra kif sewwa rrimarkat l-ewwel Qorti, tali agir ma tantx ghandu jaghti hafna affidament lil min

ikun ghazel din it-triq hekk irresponsabbli. Ix-xufier f'dan il-kaz kien tifel ta' eta' minuri, tlettax il-sena, isuq xarretta biz-ziemel jew pony, u mieghu kellu rekbin zewg itfal ohrajn. Il-Qorti bilfors ma tinnutax ukoll li filwaqt li l-appellata marret debitament taghmel rapport ta' l-akkadut mal-pulizija u ghamlet l-almu taghha biex tirrintraccja x-xufier tax-xarretta, il-minuri, minflok, baqa' sejjer u r-rapport tieghu ghamlu granet wara l-akkadut. Il-feriti li garrab kienu leggeri. Huwa minnu li meta xehdu l-partijiet jirrizulta li hemm zewg verzjonijiet kontrastanti, fis-sens li l-appellata tixhed li fl-ebda hin ma hija caqilqet il-vettura taghha jew fethet aktar il-bieba gja mbexxqa, filwaqt li l-minuri jghid li din il-bieba infethet fil-mument li hu kien isuq biswit il-vettura ta' l-appellata.

Illi huwa ghalhekk importanti li jigi ezaminat x'intqal "a tempo vergine" meta l-partijiet koncernati tkellmu mas-surgent li investiga l-habta - f'dan il-kaz skizz ma setghax isir minhabba l-allontanament mil-lok ta' l-incident min-naha ta' Johann Schembri, ix-xufier tax-xarretta. P.S. 200 Benny Calleja in kontro-ezami (ara fol 11) jghid hekk:

> "Mistoqsi jekk it-tifel qallix li meta kien niezel bil-karettun l-attrici fethitlu l-bieba, nghid li z-zewg nahat qaluli u nizzilt(h)a fir-rapport li l-bieba kienet diga' mbexxqa". (sottolinear tal-Qorti)

Din il-verzjoni min-naha ta' persuna newtrali li investigat l-incident proprju wara l-akkadut taqbel mal-verzjoni moghtija mill-appellata. Li

kieku Johann Schembri ta l-verzjoni tieghu dwar li l-appellata fethitlu l-bieba fil-mument li hu kien isuq minn hdejha, haga sinifikattiva bhal din zgur li kienet titnizzel fir-rapport tas-surgent, imma ma jidhirx li kien il-kaz. Il-verzjoni ta' l-appellant giet ghalhekk mibnija expost facto u m'hijiex daqstant affidabbli. Il-Qorti bilfors tinnota wkoll li kien ferm imprudenti li bhima b'xarretta tinsaq minn persuna ta' tlettax-il sena b'zewgt itfal ohra rekbin mieghu. Min-naha l-ohra din il-Qorti ma rravvizat l-ebda imprudenza jew xi htija kontributorja da parti ta' l-appellata Antoinette Camilleri Mohammedi. Ghalhekk din il-parti ta' l-aggravju hija nfondata u qeghda tigi respinta.

9. Illi dwar il-quantum li gie likwidat mill-ewwel Qorti, l-intimat appellat qieghed joggezzjona ghall-fatt li l-ammont ta' hamsa u ghoxrin lira maltija (LM25) reklamat bhala "excess" mill-appellati, inghata darbtejn. Il-kontroparti appellata ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Il-Qorti ezaminat dan il-punt u jidhrilha li dak li gie sotomess min-naha appellanti lanqas ma huwa korrett. Fil-fatt id-danni kollha in realta' kienu dawn:-

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Tiswija tal-vettura (Cioffi's Garage)<br>(Dok AP1 - fol 17) | Lm165.00c |
| 2. | Parts mixtrija ghall-vettura<br>(Dok AP3 - fol 19) | Lm104.92c |
| 3. | Rapport tal-Pulizija | Lm 3.00c |
| 4. | Rapport tas-"Surveyor" | Lm 10.00c |
| 5. | Hlas/Telf ta' l-Excess | Lm 25.00c |
| | | Lm307.92c |

10. Mis-suespost ma jirrizultax li l-ammont ghal "excess" gie ripetut ghal darbtejn. Li kieku, kif gieli kien il-kaz, l-azzjoni giet intavolata ghan-nom ta' l-assikurazzjoni biss, allura kien ikun il-kaz li din ma tkunx tista' titlob ammont gja rikavat mill-assikurat taghha. Fil-kaz in ezami izda, l-assikurata Camilleri hija ko-attrici u jirrizulta li effettivament barra li l-kumpannija assikuratrici hallset l-ammont ta' Lm282.92c in linea ta' danni, l-assikurata Antoinette Camilleri Mohammedi tilfet l-ammont ta' Lm25.00 ta' l-"excess". L-ammont gie mitlub darba wahda, mhux darbtejn. Ghalhekk dan l-aggravju wkoll qed jigi michud.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma d-decizjoni appellata fil-kawza fl-ismijiet premessi, tichad l-appell intavolat mill-intimat appellant bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

Dep/Reg

mm